PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2008/0047(COD)

10.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni
(COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marie Panayotopoulos-Cassiotou

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet hija mmirata biex toħloq ambjent tal-internet aktar sikur għat-tfal billi tippromwovi inizjattivi awtoregolatorji u tqajjim ta' kuxjenza akbar fis-soċjetà. Il-programm "Internet Aktar Sikur" għat-tfal u ż-żgħarżagħ għandu jiffaċilita l-immaniġġjar tal-ħin u l-effikaċja tal-membri tal-familja fil-ġlieda kontra l-effetti negattivi ta' teknoloġiji ġodda. Il-programm il-ġdid se jipprijoritizza l-azzjonijiet li ġejjin:

I. **Li jitnaqqas il-kontenut illegali u tiġi affrontat l-imġiba ta' ħsara fuq l-internet:** azzjonijiet biex il-pubbliku jkun ipprovdut punti ta' kuntatt nazzjonali biex jirrappurtaw kontenut illegali fuq l-internet u mġiba ta' ħsara, filwaqt li jiffokaw b'mod partikulari fuq materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal u t-tħejjija għall-abbuż sesswali;

II. **Li jkun promoss ambjent tal-internet aktar sikur:** it-trawwim ta' inizjattivi awtoregolatorji f'dan il-qasam. Biex jiġi mqanqal l-involviment tat-tfal u taż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent tal-internet aktar sikur, b'mod partikulari permezz ta' panels;

III. **Li jkun żgurat l-għarfien pubbliku:** azzjonijiet immirati lejn it-tfal, il-ġenituri tagħhom u l-għalliema. Jitħeġġeġ l-effett ta' multiplikatur permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan in-netwerk taċ-ċentri ta' għarfien nazzjonali. Ikunu appoġġjati l-punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal ikunu jistgħu jirċievu pariri fuq kif wieħed jista' jibqa' 'l bogħod mill-periklu fuq l-internet;

IV. **Li titwaqqaf bażi ta' għarfien** billi jinġiebu flimkien riċerkaturi li huma impenjati fis-sikurezza tat-tfal fuq l-internet fil-livell Ewropew. Titwaqqaf bażi ta' għarfien dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda mit-tfal, l-effetti li dawn għandhom fuqhom, u r-riskji relatati. Use this to improve the effectiveness of ongoing actions within the Safer Internet Programme.

L-internet għandu konsegwenzi diretti fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Għalhekk, issir ħaġa bil-wisq importanti li jiġu żviluppati analiżijiet, qofsa u argumenti li jiżguraw bidla teknoloġika tas-soċjetajiet tagħna li jikkontribwixxu biex **tkompli tkun promossa aktar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, is-subien u l-bniet**. Hemm ħtieġa urġenti li wieħed jifhem sewwa x'impatt jista' jkollhom it-teknoloġiji l-ġodda, inkluż l-Internet, fuq id-drittijiet tan-nisa, u li wieħed jitfa' ħarsa kritika fuq l-effetti potenzjali fit-tul li huma għandhom. L-abbozz ta' opinjoni jenfasizza l-importanza li jkun implimentat approċċ li jkun **sensittiv għall-kwistjoni tal-ugwaljanza ta' bejn is-sessi** filwaqt li jkunu qed jiġu żviluppati u implimentati l-azzjonijiet ta' diversi Programmi. Il-bniet u s-subien għandhom ikunu ggarantiti l-istess opportunitajiet u l-ħtiġijiet differenti tagħhom għandhom ikunu evalwati u riflessi fi kwalunkwe azzjoni li tittieħed.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4.) Se jkun hemm bżonn kontinwu *għal* azzjoni kemm fil-qasam tal-kontenut potenzjalment dannuż għat-tfal kif ukoll fil-qasam tal-kontenut illegali, b'mod partikolari l-materjal ta' l-abbuż tat-tfal. L-istess jgħodd għat-tfal li jisfaw vittmi ta' mġiba dannuża u illegali li twassal għal dannu fiżiku u psikoloġiku u li twassal biex it-tfal jitħajru jimitaw *din* it-tip ta' mġiba u jagħmlu ħsara lilhom infushom u lill-oħrajn.	(4.) Se jkun hemm bżonn kontinwu *ta'* azzjoni kemm fil-qasam tal-kontenut potenzjalment dannuż għat-tfal***, b'mod partikulari materjal pornografiku,*** kif ukoll fil-qasam tal-kontenut illegali, b'mod partikolari l-materjal ta' l-abbuż tat-tfal. L-istess jgħodd għat-tfal li jisfaw vittmi ta' mġiba dannuża u illegali li twassal għal dannu fiżiku u psikoloġiku u li twassal biex it-tfal jitħajru jimitaw *dan* it-tip ta' mġiba u jagħmlu ħsara lilhom infushom u lill-oħrajn. ***Għal dan il-għan, għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sistema tal-appoġġ tal-pari.***

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 li adottat Pjan ta' Azzjoni Komunitarju *multijannwali* dwar il-promozzjoni ta' l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji *online* il-ġodda billi jiġi miġġieled il-kontenut illegali u dannuż primarjament fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal u tal-minuri (il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet aktar Sikur 1998-2004) [*titlu mhux uffiċjali*] u d-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur ta' l-internet u ta' teknoloġiji	Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 li adottat Pjan ta' Azzjoni Komunitarju *multiannwali* dwar il-promozzjoni ta' l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji *tal-internet* il-ġodda billi jiġi miġġieled il-kontenut illegali u dannuż primarjament fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal u tal-minuri (il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet aktar Sikur 1998-2004) [*titlu mhux uffiċjali*] u d-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur ta' l-internet u ta' teknoloġiji

online ġodda (il-Programm ta' Internet aktar Sikur *Plus* 2005 sa l-2008) ipprovdew il-fondi Komunitarju li rnexxielhom iħeġġu għadd ta' inizjattivi u li ta valur miżjud Ewropew, kif muri mill-evalwazzjonijiet tal-programm imressqin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni.	*online* ġodda (il-Programm ta' Internet aktar Sikur *Plus* 2005 sa l-2008) ipprovdew il-fondi Komunitarju li rnexxielhom iħeġġu għadd ta' inizjattivi u li ta valur miżjud Ewropew, kif muri mill-evalwazzjonijiet tal-programm imressqin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni. ***Il-"Programm ta' Internet aktar Sikur Plus" (2005-2008) u l-"Programm ta' Internet Aktar Sikur" il-ġdid (2009-2013) għandhom jiffaċilitaw lill-membri tal-familja kemm mil-lat ta' effikaċja kif ukoll ta' mmaniġġjar ta' ħin, fil-ġlieda kontra l-effetti negattivi ta' teknoloġiji ġodda.***

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Azzjoni 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-*aħjar prattika* bejn il-partijiet interessati fuq livell nazzjonali u Ewropew. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-koordinazzjoni ***tal-partijiet interessati involuti fil-***ġlieda kontra d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet u jħeġġu l-parteċipazzjoni u l-involviment ta' ***dawn il-partijiet interessati***.	4. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-*aqwa prattiki* bejn il-partijiet interessati fuq livell nazzjonali u Ewropew. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-koordinazzjoni ***ta' dawk inkarigati mill-***ġlieda kontra d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet u jħeġġu l-parteċipazzjoni u l-involviment ta' ***taqsimiet differenti tal-popolazzjoni, hu x'inhu l-isfond soċjali u ġeografiku tagħhom***.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Azzjoni 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se	3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se

jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet.	jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ***, filwaqt li tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali tal-bniet u tas-subien, tan-nisa u tal-irġiel,*** bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Azzjoni 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tħeġġiġ tat-titjib ta' mezzi u għodda effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq biex tinħoloq kuxjenza. L-attivitajiet se jkunu mmirati *li jtejbu* l-metodi u l-għodda rilevanti biex tinħoloq kuxjenza ***bil-għan li dawn ikunu aktar effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq*** f'perspettiva fit-tul.	3. It-tħeġġiġ tat-titjib ta' mezzi u għodda effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq biex tinħoloq kuxjenza. L-attivitajiet ***għall-prevenzjoni kontra l-isterjotipar tas-sessi*** se jkunu mmirati *biex itejbu* l-metodi u l-għodda rilevanti biex tinħoloq kuxjenza***. L-objettiv hu li tkun żgurata azzjoni aktar effiċjenti u effettiva f'termini ta' nfiq, billi jkunu sfruttati kemm il-potenzjal għall-koperazzjoni bejn l-isfera pubblika u dik privata, kif ukoll il-promozzjoni ta' attivitajiet li jikkonċernaw ir-responsabilità soċjali tal-impriżi,*** f'perspettiva fit-tul.

Emenda 6

Proposal għal decision
Anness I – Azzjoni 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvestigaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati mal-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet, inklużi l-ibbulijar, it-tħejjija għall-abbuż sesswali, kwistjonijiet relatati mal-materjal ta' l-	3. Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet. L-azzjonijiet***, li jkunu jinkorporaw approċċ li jkun sensittiv għall-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi,*** se jimmiraw li jinvestigaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati mal-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-

abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet u forom emerġenti ta' mġiba li tista' tqiegħed lit-tfal fir-riskju tad-dannu.	internet, inklużi l-ibbulijar, it-tħejjija għall-abbuż sesswali, kwistjonijiet relatati mal-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet u forom emerġenti ta' mġiba li tista' tqiegħed lit-tfal fir-riskju tad-dannu.

Emenda 7

Proposal għal decision
Anness I – Azzjoni 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iż-żieda fl-għarfien dwar l-effetti ta' l-użu ta' teknoloġiji attwali u emerġenti fuq it-tfal u ż-żgħażagħ. L-azzjonijiet se jimmiraw li jifhmu aħjar l-effetti psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjoloġiċi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw it-teknoloġiji online, li jvarjaw mill-effett ta' l-esponiment għall-kontenut u l-imġiba dannużi għat-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar u fuq pjattaformi differenti, minn kompjuters u telefowns ċellulari għal konsowls tal-logħob u teknoloġiji oħrajn li qed jiżviluppaw.	5. Iż-żieda fl-għarfien dwar l-effetti ta' l-użu ta' teknoloġiji attwali u emerġenti fuq it-tfal u ż-żgħażagħ. L-azzjonijiet***, li jkunu jinkorporaw approċċ li jkun sensittiv għall-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi,*** se jimmiraw li jifhmu aħjar l-effetti psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjoloġiċi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw it-teknoloġiji online, li jvarjaw mill-effett ta' l-esponiment għall-kontenut u l-imġiba dannużi għat-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar u fuq pjattaformi differenti, minn kompjuters u telefowns ċellulari għal konsowls tal-logħob u teknoloġiji oħrajn li qed jiżviluppaw.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Azzjoni 4 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-promozzjoni tal-kuxjenza ta' kemm jista' jkun ibbilanċjat b'mod effettiv l-użu tal-ambjent tal-internet, u l-perikli u l-impatt tiegħu f'livell lokali u reġjonali, kif ukoll fi ħdan ġabriet soċjali żgħar (familja, skola, eċċ.).

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħra tal-komunikazzjoni
Referenzi	COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 10.4.2008
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Marie Panayotopoulos-Cassiotou 6.5.2008
Eżami fil-kumitat	15.7.2008 9.9.2008
Data tal-adozzjoni	9.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Emine Bozkurt, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Lissy Gröner, Zita Gurmai, Anneli Jäätteenmäki, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Urszula Krupa, Pia Elda Locatelli, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Teresa Riera Madurell, Eva-Britt Svensson, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriela Creţu, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Donata Gottardi, Mary Honeyball, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Marusya Ivanova Lyubcheva, Maria Petre